**14 ta' Diċembru, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

**Carmela Caruana**

*versus*

**John Caruana**

**Dota — Rinunzja — Dekadenza — Eżekuzzjoni tas-Sentenza.**

***Bil-fatt li l-għarus jiddikjara li hu deċiż jiżżewweġ saħansitra anki jekk l-għarusa tiegħu tkun għadha ma ġietx dotata minn missierha, hu ma għandux jitqies li rrinunzja għad-dota, speċjalment jekk hu jkun iddikjara wkoll li mbgħad hu jfittex għal dak li ħaqqha bħala dota. U dan apparti minn jekk hu setgħax jirrinunzja għal dritt li ma k'enx tiegħu, imma ta' martu. Għax ir-rinunzja ma tistax tiġi deżunta ħlief minn fatti li juru neċessarjament l-intenzjoni li wieħed jirrinunzja; u minn atteġġjament bħal dan ma tistax tiġi deżunta din l-intenzjoni.***

***U ma jistax jingħad li martu ddekadiet mid-dritt għad-dota minħabba moħqrija u ngurja lejn missierha, jekk dawn ma jkunux jikkonsistu f'fatti gravi, avvolja dawn ikunu deplorevoli.***

*Għalkemm il-mara li tfittex għad-dota ma titlobx ukoll formalment in-nomina ta' nutar b'ex jippublika l-att tad-dota u ta' kuratur biex jidher għall-kontumaċi, ma għandux ikun prekluż għall-Qorti li tagħti dawn il-provvedimenti, li huma meħtieġa sabiex is-sentenza jkollha dik il-forza eżekutt'va li hija wieħed mill-elementi sostanzjali tagħha.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi, wara li ppremettiet illi sejra fi żmien viċin tgħaddi għaż-żwieġ tagħha ma' Carmelo Azzopardi, u li missierha, John Caruana, għalkemm mitlub bonarjament, irrifjuta li jassenjalha dota xierqa; peress li dan ir-rifjut huwa nġust, kif jiġi pruvat waqt *it-trattazzjoni tal-kawża, premessi d-dik*jarazzjonijiet meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti opportuni, talbet li l-konvenut jiġi minn din il-Qorti kundannat li jassenja lill-attriċi, bintu leġittima, dota xierqa fl-ammont u taħt il-kondizzjonijiet li jiġu stabbiliti minn din il-Qorti, kompriża dik li d-dota titħal!as malli jiġi ċelebrat iż-żwieġ tal-instanti mal-għarus tagħha Carmelo Azzopardi. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-perit ġudizzjarju, fir-relazzjoni tiegħu, issottometta:— (a) Illi l-attriċi għandha jedd għad-dota minn għand missierha, il-konvenut, u ma ddekadietx minn dan il-jedd; (b) illi ma kien hemm ebda rinunzja għal dan id-dritt da parti tal-attriċi; (ċ) u illi l-ammont tad-dota dovut lill-attriċi huwa ta' £83.11.0;

*Omissis;*

Illi fl-ewwel lok il-konvenut jippretendi illi l-attriċi rrinunzjat għad-dota talvolta lilha kompetenti, u din ir-rinunzja jiddeżumiha miċ-ċirkustanza li hija xejn ma qalet, u baqgħet sejra mal-għarus, meta dan, fl-inċident li kellu ma' ommha, qal li hu kien bi ħsiebu jiżżewweġ lill-attriċi anki jekk ma jagħtuhiex dota. u għal dik id-dota kien jagħmel tajjeb hu. Ma jidherx kontestat illi l-għarus żied

ukoll il-kliem "però infittixkom għal kemm ħaqqha" (fol. 27);

Iżda din il-Qorti, apparti r-riljevi sottomessi mill-perit legali, li magħhom taqbel, tinnota illi l-għarus (jekk qatt seta' jirrinunzja għal dritt li ma kienx tiegħu) kien qed juri li hu kien deċiż jiżżewweġ lill-attriċi saħansitra jekk ma tirċevix sa dak inhar id-dota tagħha, imma ma rrinunzjax għaliha b'daqshekk; anzi kompla jgħid li mbgħad huwa jfittixhom għal dak li l-attriċi kien ħaqqha. Issa, jekk dan l-atteġġjament tal-għarus ma jwassalx għar-rinunzja pretiża mill-konvenut, mhux konċepibbli kif l-iskiet tal-attriċi, waħdu, jista' jfisser rinunzja;

"La rinunzia tacita ad un diritto", jgħid Atzeri-Vacca, "non può risultare dal solo silenzio, ma bisogna che risulti da fatti incompatibili coll'esercizio del medesimo" (Delle Rinunzie, §306). U l-istess awtur, wara li jafferma l-prinċipju illi "la rinunzia tacita si desume da un atto del titolare che si presenta come assolutamente incompatibile con una diversa volontà", u illi "le rinunzie tacite si devono così strettamente interpretare che dai fatti onde si vogliono desumere non si possa trarre altra congettura che l'evidente proposito di rinunziare", jikkonkjudi illi "in ogni caso la volontà, che in generale serve di substrato ad una rinunzia, dev'essere sempre certa, non semplicemente presunta; e perciò non può argomentarsi da un fatto che faccia ritenere probabile l'esistenza della volontà di rinunziare senza per altro escludere la possibilità di una diversa volontà...... 'nemo rem suam jactare praesumitur'" (Op. cit., §§304 u 307); u fiċ-ċirkustanzi kif riżultati ma tirrikorrix il-prova tal-intenzjoni ċerta tal-attriċi li tirrinunzja għad-dota; u għalhekk l-eċċezzjoni tal-konvenut mhix sostenibbli, u qegħdha tiġi respinta, bl-ispejjeż kontra tiegħu;

Illi l-konvenut, fl-imsemmija nota tiegħu fol. 61, b'mod subordinat u fil-meritu, issottometta illi l-attriċi tilfet id-dritt tagħha għad-dota minħabba li kienet ħatja ta' moħqrija lejgħ, kif ukoll ta' nġurja gravi. Anki hawn il-Qorti taqbel mal-perit legali u tadotta l-konklużjoni minnu raġġunta; u tkompli tosserva illi, kif jidher minn noti ta' Sir

Adrian Dingli. l-art. 321 tal-Ordinanza VII tal-1868, il-lum art. 660 tal-Kodiċi Ċivili, isib korrispondenza fl-art. 738 tal-Codice Sardo, fejn tinsab użata l-espressjoni "sevizie o qualunque delitto"; liema espressjoni "parve alla Commissione acconcia ad esprimere quei fatti che sono abbastanza gravi per dar luogo ad una pena tanto pregiudizievole all' interesse ed alla riputazione del figlio; e fatti di tal natura possono ravvisarsi principalmente in quelli che sarebbero diretti sia contro la personale sicurezza, sia contro la fama del padre" (ara "Motivi dei Codici per gli Stati Sardi", Vol. II, art. 738, pag. 74 col. 2da. med.); jiġifieri hemm bżonn li l-moħqrija tkun gravi. u għalhekk ma tirrikorrix, għall-fini tal-liġi, din il-moħqrija jekk ma tkunx akkompanjata minn din il-gravità;

Issa, skond il-konvenut, il-moħqrija tal-attriċi tikkonsisti, l-ewwelnett, filli hija telqet mid-dar tal-konvenut mingħajr ma kellha xi tgħid miegħu; iżda, kif irriżulta mill-provi, hija telqet meta ommha, il-mara tal-konvenut, sawtitha b'injama, kellmitha ħażin u keċċietha. Tikkonsisti wkoll filli l-attriċi rrifjutat li tirritorna d-dar u tiżżewweġ minn hemm; iżda hija ma reġgħetx lura mhux kapriċċjożament, imma minħabba li saritilha l-kondizzjoni li ma tkomplix tkellem lill-għarus. U fl-aħħarnett tikkonsisti filli l-inviti għat-tieġ tagħha ħarġu għan-nom taż-żijiet, u mhux tal-ġenituri tagħha; iżda fiċ-ċirkustanzi tal-każ, għad li l-fatt huwa spjaċevoli, ma jirrivestix il-gravità meħtieġa għall-eċċepita dekadenza tal-attriċi mid-drittijiet tagħha;

Illi, rigward l-inġurji, dawn, skond il-liġi espressa, jeħtieġilhom ikunu gravi, u konsegwentement mhux kull inġurja hija suffiċjenti biex ittellef id-dritt għad-dota. Issa, mill-provi jirriżulta biss li l-attriċi kienet ikkwalifikat lill-ommha u missierha bħala "dawk il-ħnieżer" (ol. 38). Dan it-trattament, għad li hu deplorevoli, mhux biżżejjed biex jikkostitwixxi nġurja gravi, speċjalment meta wieħed jirrifletti li fl-okkażjoni li ngħadu dawk il-kelmiet ma jidherx li l-attriċi kellha l-intenzjoni li toffendi lill-ġenituri tagħha jew tnaqqsilhom ir-riputazzjoni tagħhom kif trid il-liġi; l-espressjoni użata kienet pjuttost effett tan-nuqqas ta'

edukazzjoni u finezza, li hu proprju tal-kondizzjoni soċjali li għaliha tappartjeni;

Illi konsegwentement anki din l-eċċezzjoni mhix sostenibbli, u qegħda tiġi respinta; bl-ispejjeż;

*Omissis*;

Illi, in kwantu għall-likwidazzjoni magħmula mill-perit, ma jidherx li hemm ebda kontestazzjoni; u l-Qorti, wara li eżaminat ir-riżultanzi proċesswali, u wara li rriflettiet illi l-attriċi kellha l-promessa ta' dota bħal dik ta' oħtha Lorenza, taqbel ma' dik il-likwidazzjoni;

Illi l-attriċi żżewġet fil-mori tal-kawża, u preċiżament fit-3 ta' Mejju 1959, u għalhekk il-kondizzjoni prevista fl-att taċ-ċitazzjoni avverat ruħha. U għalkemm l-attriċi ma għamletx f'dak l-att talba formali għan-nomina ta' nutar biex jippublika l-kuntratt tad-dota, u ta' kuratur biex jidher għall-kontumaċi, ma għandux ikun prekluż lill-Qorti li tagħti l-provvedimenti meħtieġa sabiex is-sentenza jkollha dik il-forza eżekuttiva li hija wieħed mill-elementi sostanzjali tagħha (Kollez. XXXVIII-II-535; XXXIX-II-642 u l-l-awtoritajiet hemm ċitati);

Għal dawn il-motivi;

Prevja konferma tal-perizja ġudizzjarja;

Tilqa' t-talba dedotta fiċ-ċitazzjoni, u tikkundanna lill-konvenut jikkostitwixxi u jassenja lill-attriċi d-dota kif likwidata mill-perit legali, u li tiswa £83.11.0; u dan per mezz ta' att publiku li għandu jiġi publikat f'waħda mill-awli tal-Qrati Superjuri fid-9 ta' Jannar 1960, fl-10.30 a.m., minn Nutar Dr. Salvatore Abela, u bl-intervent tal-Avukat Dr. Joseph Borg bħala kuratur biex jidher għall-kontumaċi f'dak l-att. L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut.